MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 2193/1997/1

***S.T. Microelectronics (Malta) Ltd***

***Versus***

***Malta International Airport p.l.c.*; *Fort Blocks Co. Ltd*; *Fort Construction Ltd*; u *Enemalta Corporation***

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda tfittex għad-danni li ġarrbet meta kellha twaqqaf il-produzzjoni fil-fabbrika tagħha għax inqata' l-kurrent elettriku.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi s-soċjetà konvenuta *Malta International Airport p.l.c.* kienet qabbdet lill-konvenuta l-oħra *Fort Blocks Co. Ltd* tagħmel xogħol ta' tħaffir qrib il-mitjar, fil-limiti ta' Ħal Kirkop. Fis-6 ta' Novembru 1996, waqt li kien għaddej ix-xogħol, li kien qiegħed isir kemm mill-konvenuta *Fort Blocks Co. Ltd* kif ukoll mill-konvenuta l-oħra *Fort Construction Ltd*, intlaqtu *high tension cables* ta' l-elettriku u, minħabba f'hekk, inqata' l-kurrent elettriku f'dawk l-inħawi, fosthom fil-fabbrika tas-soċjetà attriċi f'Ħal Kirkop. Meta ġara hekk, l-attriċi kellha twaqqaf il-produzzjoni, u hekk ġarrbet danni.

Billi qiegħda tgħid illi għal dak li ġara jaħtu l-konvenuti kolha, iżda għalxejn sejħitilhom b'ittra uffiċjali tas-26 ta' Ġunju 1997 biex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, is-soċjetà attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenuti kollha, jew tgħid min mill-konvenuti, jaħtu flimkien *in solidum* għad-danni li ġarrbet l-attriċi;
2. tillikwida d-danni; u
3. tikkundanna lill-konvenuti, jew lil min minnhom jaħti, *in solidum*, iħallsu d-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-imgħax legali u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-26 ta' Ġunju 1997.

Il-konvenuta *Korporazzjoni Enemalta* ressqet l-eċċezzjoni[1] illi ma hijiex kontradittriċi leġittima għax ix-xogħlijiet li wasslu għall-ħsara la saru minnha u lanqas mill-impjegati tagħha.

Il-konvenuta *Fort Blocks Company Limited* ressqet dawn l-eċċezzjonijiet[2]:

1. trid issir korrezzjoni fl-isem tas-soċjetà attriċi; wara li din il-korrezzjoni saret b'dikriet tat-12 ta' Novembru 1998[3], ma hux meħtieġ li nqisu aktar din l-eċċezzjoni;
2. iċ-ċitazzjoni ma tiswiex għax id-dikjarazzjoni ma saritx "*ai termini* tal-Kap. 12"; din l-eċċezzjoni kienet irtirata fit-12 ta' Novembru 1998[4];
3. ma ġewx murija l-ismijiet tad-diretturi tal-partijiet u ta' l-impjegati tas-soċjetà attriċi, u għalhekk dawn ma jistgħux jissejħu biex jixhdu; din l-eċċezzjoni wkoll kienet irtirata fit-12 ta' Novembru 1998[5];
4. it-talbiet ta' l-attriċi ma jistgħux jintlaqgħu għax id-danni mitluba ma humiex "kaġunati direttament minn xi allegat att, u/jew omissjoni" tas-soċjetà eċċipjenti;
5. l-ewwel talba ma tistax tintlaqa' għax ma kinitx l-eċċipjenti li taħti għall-inċident iżda l-konvenuta l-oħra *Malta International Airport*, li fuq l-istruzzjonijiet u l-indikazzjonijiet tagħha l-eċċipjenti għamlet ix-xogħlijiet;

---

1 *Fol*. 11.

2 Foll. 14 et seq.

3 *Fol*. 31.

4 *Fol*. 31.

5 *Ibid*.

6. it-tieni talba wkoll għandha tiġi miċħuda għax ma hemmx danni x'jiġu likwidati kontra l-eċċipjenti; u
7. it-tielet talba wkoll għandha tiġi miċħuda għax ma hemmx danni li għandha tagħmel tajjeb għalihom l-eċċipjenti.

Il-konvenuta *Fort Construction Limited* ressqet dawn l-eċċezzjonijiet[6]:

1. trid issir korrezzjoni fl-isem tas-soċjetà attriċi; wara li din il-korrezzjoni saret b'dikriet tat-12 ta' Novembru 1998[7], ma hux meħtieġ li nqisu aktar din l-eċċezzjoni;
2. l-eċċipjenti ma hijiex kontradittriċi leġittima;
3. iċ-ċitazzjoni ma tiswiex għax id-dikjarazzjoni ma saritx "*ai termini* tal-Kap. 12"; din l-eċċezzjoni kienet irtirata fit-12 ta' Novembru 1998[8];
4. ma ġewx murija l-ismijiet tad-diretturi tal-partijiet u ta' l-impjegati tas-soċjetà attriċi, u għalhekk dawn ma jistgħux jissejħu biex jixhdu; din l-eċċezzjoni wkoll kienet irtirata fit-12 ta' Novembru 1998[9];
5. it-talbiet ta' l-attriċi ma jistgħux jintlaqgħu għax id-danni mitluba ma humiex "kaġunati direttament minn xi allegat att, u/jew omissjoni" tas-soċjetà eċċipjenti;
6. l-ewwel talba ma tistax tintlaqa' għax ma kinitx l-eċċipjenti li taħti għall-inċident iżda l-konvenuta l-oħra *Malta International Airport*, li fuq l-istruzzjonijiet u l-indikazzjonijiet tagħha l-eċċipjenti għamlet ix-xogħlijiet;
7. it-tieni talba wkoll għandha tiġi miċħuda għax ma hemmx danni x'jiġu likwidati kontra l-eċċipjenti; u
8. it-tielet talba wkoll għandha tiġi miċħuda għax ma hemmx danni li għandha tagħmel tajjeb għalihom l-eċċipjenti.

Il-konvenuta *Malta International Airport p.l.c.* ressqet l-eċċezzjoni[10] illi hija qabbdet kuntrattur kompetenti biex jagħmel ix-xogħlijiet u ħadet il-prekawzjonijiet kollha li setgħet tieħu fiċ-ċirkostanzi; għalhekk ma għandha ebda ħtija.

---

6 Foll. 20 et seq.

7 *Fol*. 31.

8 *Fol*. 31.

9 *Ibid*.

10 *Fol*. 26.

Din is-sentenza tallum hija biss dwar l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi, fuq il-ħtija.

Il-fatti relevanti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

Is-soċjetà konvenuta *Malta International Airport p.l.c.* [“l-ewwel konvenuta”] riedet tagħmel xi xogħlijiet fl-art tagħha f’Ħal Kirkop, u l-kuntratt għal dawn ix-xogħlijiet ingħata lill-konvenuta *Fort Blocks Company Limited* [“il-kuntrattur”]. Billi, bħala parti minn dawn ix-xogħlijiet, kellu jsir tħaffir fl-art, l-ewwel konvenuta b’ittra tas-17 ta’ Novembru 1993[11] kitbet lill-entitajiet li għandhom servizzi u *cables* għaddejjin taħt l-art, fosthom il-korporazzjoni konvenuta *Enemalta* [“*Enemalta*”], biex igħidulha mnejn kienu għaddejjin dawk is-servizzi u *cables.*

*Enemalta* wieġbet fis-17 ta’ Frar 1994[12] u qalet hekk:

I am advised to inform you that according to Enemalta records there are no known electricity services within the shaded area indicated in plan[13] annexed to your letter. In view of the fact that in the vicinity there exists two High Tension cables feeding the tunnel, any contractors assigned work in this area are strictly requested to inform the Luqa District to detect and mark the said cables before any work is taken in hand.

Bħala parti mix-xogħlijiet kellhom jinqalgħu xi siġar minn fejn kienu u jitħawlu x’imkien ieħor. L-ewwel konvenuta qabbdet lill-kuntrattur biex jagħmel dawn ix-xogħlijiet iżda, qabel ma nbeda x-xogħol, ma għarrfitx lil *Enemalta* kif riedet l-ittra tas-17 ta’ Frar 1994 biex din timmarka l-post mnejn għaddejjin il-*cables*, u għalhekk il-permess relativ għal dik il-biċċa xogħol ma nħariġx[14].

X’aktarx illi l-ewwel konvenuta naqset milli timxi kif riedet l-ittra tas-17 ta’ Frar 1999 għax lill-Maġġur Charles Abela, *chief engineer* ta’ l-ewwel konvenuta, deherlu illi biex isir dak ix-xogħol ma kellux isir tħaffir[15]. Mix-xhieda ta’ John Mary Gatt, direttur tal-kuntrattur, iżda, ħareġ ċar illi sar

---

11 Foll. 163 et seqq.

12 *Fol*. 161.

13 *Fol*. 170.

14 Ara x-xhieda ta’ Lawrence Zammit, *senior technical officer* ma’ *Enemalta*, fis-seduta ta’ l-14 ta’ Dicembru 1999, *fol*. 82.

15 Ara x-xhieda tal-Maggur Charles Abela fis-seduta tas-26 t’April 2001. *fol*. 248 u *fol*. 251.

tħaffir[16], u illi l-kuntrattur ħaffer bla ma, qabel, ra li *Enemalta* tkun immarkat mnejn għaddejjin il-*cables*[17].
Ġara mbagħad illi l-kuntrattur, billi kien qiegħed iħaffer bla ma jaf li kienu għaddejjin *cables* minn taħt l-art, laqat il-*cable* u għamel il-ħsara.
Fil-fehma tal-qorti, kienu n-nuqqasijiet ta' l-ewwel konvenuta u tal-kuntrattur li wasslu biex saret il-ħsara.
L-ewwel konvenuta naqset għax, kontra dak li ntqalilha bi kliem ċar minn *Enemalta* fl-ittra tas-17 ta' Frar 1994, ma ratx illi, qabel ma tqabbad lil min iħaffer fl-art, ikun mgħarraf l-uffiċċju ta' Ħal Luqa ta' *Enemalta* biex ikun immarkat il-post mnejn għaddejjin il-*cables*. Naqset li tagħmel hekk għax dehrilha illi, meta tħaffer b'gaffa madwar l-għeruq ta' siġra biex taqla' dik is-siġra, bl-għeruq u l-ħamrija b'kollox, ma tkunx qiegħed tagħmel xogħol ta' tħaffir. Baqgħet tgħid hekk ukoll fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha minkejja illi d-dokument kuntrattwali mħejji minnha stess biex sar il-ftehim mal-kuntrattur igħid ċar illi "*any existing trees on site of works, identified as suitable for transplanting, shall be carefully* *<u>excavated</u>* *around their base … … …*"[18]. Dan, fil-fehma tal-qorti, juri ċar illi l-ewwel konvenuta taf li naqset meta ma ratx li tkun mgħarrfa *Enemalta* qabel ma jsir xogħol ta' tħaffir, iżda qiegħda tfittex li tgħatti x-xemx bl-għarbiel billi tgħid illi fil-każ tagħha l-kelma "tħaffir" ħadet tifsira oħra.
Lanqas ma tista' l-ewwel konvenuta teħles mir-responsabbiltà billi tgħid illi qabbdet kuntrattur ta' ħila biex jagħmel ix-xogħlijiet, kif igħid l-art. 1037 tal-Kodiċi Ċivili. L-ewwel konvenuta ma hijiex imsejħa biex tagħmel tajjeb għan-nuqqas tal-kuntrattur imqabbad minnha, iżda għan-nuqqas tagħha stess illi timxi preċiżament skond il-kondizzjoni magħmula fl-ittra tas-17 ta' Frar 1994.
Il-kuntrattur ukoll naqas meta għamel xogħol ta' tħaffir għalkemm seta' jara li ma kienx hemm fuq il-post il-marki li juru mnejn għaddejjin il-*cables*. Ma jistax igħid, kif qal fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, illi kien marbut b'kuntratt li jimxi skond l-istruzzjonijiet li tagħtih l-ewwel konvenuta, għax il-kuntratt bejnu u l-ewwel konvenuta

16 Ara x-xhieda ta' John Mary Gatt fis-seduta tas-26 t'April 2001. *fol*. 225.

17 *Ibid. fol.* 226.

18 Para. 5.1, *fol*. 309.

huwa *res inter alios acta* għall-attriċi. Lanqas ma jista' jgħid illi ħalla f'idejn l-ewwel konvenuta biex tikseb il-permessi meħtieġa. Ir-responsabbiltà tat-tħaffir taqa' wkoll fuq il-kuntrattur għax huwa dan illi materjalment jagħmel it-tħaffir, u ma kienx imissu jibda jħaffer qabel ma jara li l-pożizzjoni tal-*cable* tkun magħrufa sew.

Min-naħa l-oħra ma nġiebet ebda prova li titfa' l-ħtija fuq *Enemalta*. Din qalet ċar illi, qabel ma jsir kull xogħol ta' tħaffir, kellha tkun mgħarrfa biex in-nies tagħha, bl-apparat li għandhom għalhekk, jimmarkaw preċiżament fejn seta' u fejn ma setax isir it-tħaffir. Ladarba ma kinitx mgħarrfa, ma kinitx taf illi sejjer isir ix-xogħol u ma setgħet tagħmel xejn biex ma tħallix li jsir.

Lanqas ma nġiebet prova illi s-soċjetà konvenuta *Fort Construction Limited* kienet imdaħħla fix-xogħlijiet. Kif turi l-ittra tal-5 ta' Mejju 1994[19], il-kuntratt ingħata lil *Fort Blocks Company Limited*, mhux lil *Fort Construction Limited*, u ma hemm ebda prova li t-tħaffir sar minn din ta' l-aħħar.

Għalhekk, it-talbiet tas-soċjetà attriċi, safejn magħmula kontra *Enemalta* u kontra *Fort Construction Limited*, ma jistgħux jintlaqgħu.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tipprovdi dwar l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi billi, filwaqt li tiċħadha safejn magħmula kontra *Enemalta* u kontra *Fort Construction Limited*, tilqagħha kontra *Malta International Airport p.l.c.* u kontra *Fort Blocks Company Limited*, u tgħid illi *Malta International Airport p.l.c.* u *Fort Blocks Company Limited* flimkien jaħtu għall-ħsara.

Tordna li l-kawża tkompli tinstema' sabiex jinġiebu l-provi dwar it-tieni u t-tielet talbiet. Tipprovdi dwar l-ispejjeż fis-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[19] *Fol*. 340.